



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2012/2167(DEC)**

1.3.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima III – Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi (COM(2012)0436 – C7-0224/2012 – 2012/2167(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Papanikolaou

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 għar-riċerka u politiki interni oħra kienu affettwati minn żbalji materjali u li s-sistemi eżaminati ta' superviżjoni u kontroll għar-riċerka u politiki interni oħra kienu parzjalment effettivi; jiddispjaċih li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ma jagħti l-ebda informazzjoni dettaljata dwar l-infiq għall-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja;
2. Jilqa' ż-żieda fil-livell tal-implimentazzjoni tal-impenji fil-baġit għall-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja li laħaq is-97,74 % kif ukoll iż-żieda fil-livell tal-implimentazzjoni tal-pagamenti li laħaq it-93,10 % fl-2011;
3. Jissottolinja l-importanza kbira tal-Kapitolu 18 02 – Solidarjetà – Fruntieri esterni, ritorn, politika dwar il-viża u l-moviment liberu tal-persuni għas-sigurtà u l-ekonomija tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-pjanifikazzjoni baġitarja tagħha;
4. Jieħu nota tar-riservi espressi mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Interni fir-rapport annwali tiegħu dwar l-attività tal-2011 rigward ir-riskji għar-reputazzjoni kkawżati minn dewmien fl-implimentazzjoni tas-SIS II; jieħu nota wkoll tar-riskju finanzjarju li jirriżulta mir-rata residwa ta' żbalji fil-popolazzjoni mhux awditjata ta' għotjiet għall-programmi finanzjarji "Prevenzjoni, Stat ta' Tħejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà" u "Prevenzjoni u ġlieda kontra l-Kriminalità"; jitlob lill-Kummissjoni taħdem fuq il-miżuri korrettivi mħabbra.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.2.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 36 -: 0 0: 14
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Livia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart, Janusz Wojciechowski
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Ivailo Kalfin, Iosif Matula, Ivo Vajgl